MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI)<br>MALTA

## S.T.O. PRIM IMHALLEF<br>DE GAETANO VINCENT

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Appell Kriminali Numru. 173/2002

**Appell Nru 173/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Vella**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) kontra Paul Vella talli, bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att nru XXIII ta’ l-1998) u r-regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess att, fit-18 ta’ Novembru, 2000, ghall-habta tal-10.20 am fil-hanut “Noel’s Butcher” (“Niexfu Butcher”), Kananea Street,

Attard, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta' l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-Artikoli 51 u 77(a)(e) tal-imsemmi att;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Lulju, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Paul Vella hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu multa ta' mitejn lira (Lm200);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Paul Vella, minnu ppresentat fit-30 ta' Lulju, 2002; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' nhar il-Gimgha, 1 ta' Novembru, 2002; ikkunsidrat:

Qabel xejn din il-Qorti tosserva li r-rikors huwa monk, fis-sens li t-talba hija ghar-riforma tas-sentenza, liema riforma ma tistax tintlaqa' minn din il-Qorti bil-mod kif qed jitlob l-appellant. It-talba, in fatti, taqra hekk:

**Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi f'nuqqas ta' provi sodisfacenti din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tilliberah fejn instab hati u tikkonfermaha ghall-kumplament u b'hekk tilliberah minn kull htija u piena.**

Issa, f'dan il-kaz kien hemm imputazzjoni wahda; l-appellant, allura imputat, instab hati skond din l-imputazzjoni u gie kkundannat ihallas il-multa aktar 'l fuq indikata. Huwa ma gie lliberat minn ebda imputazzjoni jew imputazzjonijiet ohra, u ghalhekk ma hemm xejn li tista' tikkonferma din il-Qorti filwaqt li tkun qed tilliberah "minn kull htija u piena". Hu evidenti ghalhekk li f'dan il-kaz it-talba kellha tkun ghar-revoka, u mhux ghar-riforma, tas-sentenza. Skond gurisprudenza kostanti, dan id-difett igib bhala konsegwenza n-nullita` tar-rikors ta' appell. Pero`, peress li dan il-punt ma giex sollevat, anqas *ex officio* mill-

Qorti, fl-udjenza ta’ l-1 ta’ Novembru, 2002, din il-Qorti mhux ser tiddisponi mill-appell a bazi ta’ din in-nullita`.

L-aggravju ta’ l-appellant hu, bazikament, li ma kienx hemm provi sodisfacenti li jwasslu ghall-htija tieghu lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Din il-Qorti, wara li semghet kemm lix-xhud tal-prosekuzzjoni Denise Said kif ukoll lill-appellant – u f’certu hin anke ghamlet konfront bejniethom fuq diskors li x-xhud Said tghid li qalilha Vella, izda li Vella jichad li qalu – tara li ma hemm ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti dwar il-htija ta’ l-appellant. A bazi tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel qorti, dik il-qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Anzi, din il-Qorti tmur oltre u tghid li tikkondividi pjenament il-konkluzzjoni ta’ l-ewwel qorti dwar il-htija ta’ l-appellant. Il-provi juru bic-car li l-appellant mhux biss fil-jum indikat fl-imputazzjoni izda anke fil-jiem ta’ qabel ma kienx qed johrog ricevuti fiskali skond il-ligi.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Aldo Testone
Assistent Registratur